C/2025/3572

9.7.2025

**Pubblikazzjoni tal-komunikazzjoni ta' emenda standard approvata ta' speċifikazzjoni tal-prodott ta' indikazzjoni ġeografika f'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27** [1]

(C/2025/3572)

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

**(Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2024/1143)**

**"Cereza del Jerte"**

**Nru tal-UE: PDO-ES-0233-AM01 — 14.4.2025**

1. **Isem il-prodott**

"Cereza del Jerte"

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☒ Denominazzjoni ta' oriġini protetta (DOP)

☐ Indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP)

☐ Indikazzjoni ġeografika (IĠ)

3. **Settur**

☒ prodotti agrikoli

☐ inbejjed

☐ xarbiet spiritużi

4. **Pajjiż terz li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika**

Spanja

5. **Awtorità tal-Istat Membru li tikkomunika l-emenda standard**

Consejería de Agricultura, Desarrollo Rural, Población y Territorio de la Junta de Extremadura [Il-Ministeru għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali, il-Popolazzjoni u t-Territorju tal-Gvern tal-Komunità Awtonoma ta' Extremadura], Dirección General de Agricultura y Ganadería [id-Direttorat Ġenerali għall-Biedja u t-Trobbija tal-Bhejjem]

6. **Kwalifika bħala emenda standard kif definita fl-Artikolu 24(4) tar-Regolament (UE) 2024/1143**

L-applikazzjoni għal emenda tista' tiġi kklassifikata bħala standard skont it-tifsira tal-Artikolu 24(4) tar-Regolament (UE) 2024/1143.

7. **Deskrizzjoni tal-emenda/i standard approvata/i**

1. *Inklużjoni ta' varjetajiet ġodda ta' ċirasa*

Żdiedu tliet varjetajiet ġodda ta' ċirasa mhux indiġena ("Burlat", "Lapins" u "Van") fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott minħabba t-tibdil fil-klima fil-Valle del Jerte matul l-aħħar ftit deċennji u minħabba li l-produtturi ta' din id-DOP jeħtiġilhom itawlu l-istaġun. Din il-bidla taffettwa t-Taqsimiet B, E u F tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott u t-Taqsima 3.2 tad-dokument uniku.

Din l-emenda taffettwa d-dokument uniku.

[1] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 tat-30 ta' Ottubru 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar ir-reġistrazzjoni u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, speċjalitajiet tradizzjonali garantiti u termini tal-kwalità mhux obbligatorji u li jħassar ir-Regolament Delegat (UE) Nru 664/2014 (ĠU L, 2025/27, 15.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/27/oj).

2. *Emenda relatata mal-logo tal-Bord Regolatorju*

Il-logos użati biex jiddistingwu l-prodott protett ġew sostitwiti. Dan jaffettwa biss it-Taqsima H tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott u t-Taqsima 3.7 tad-dokument uniku.

Din l-emenda taffettwa d-dokument uniku.

3. *Emenda relatata mal-korp ta' spezzjoni*

Xi dettalji speċifiċi ġew aġġornati fit-Taqsima G (Korp ta' spezzjoni).

Din l-emenda ma taffettwax id-dokument uniku.

DOKUMENT UNIKU

**"Cereza del Jerte"**

**Nru tal-UE: PDO-ES-0233-AM01 — 14.4.2025**

**DOP IĠP**

1. **Isem/Ismijiet**

"Cereza del Jerte"

2. **Stat Membru jew pajjiż terz**

Spanja

3. Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel

3.1. *Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda*

— 08 — FROTT U ĠEWŻ TAJBIN GĦALL-IKEL; QOXRA TAL-FROTT TAĊ-ĊITRU JEW TAL-BETTIEĦ

0809 — Berquq, ċirasa, ħawħ (inkluż in-nuċiprisk), għanbaqar u pruna selvaġġa, friski

0809 29 — Oħrajn

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem fil-punt (1)*

Id-denominazzjoni ta' oriġini protetta "Cereza del Jerte" tapplika eskluživament għaċ-ċiras tal-mejda, li għandu jittiekel frisk, tal-varjetajiet lokali tal-ispeċi *Prunus avium* L. li ġejjin: "Navalinda", "Ambrunés", "Pico Limón Negro", "Pico Negro" u "Pico Colorado"; kif ukoll għall-varjetajiet mhux indiġeni "Van", "Lapins" u "Burlat".

Il-varjetajiet ta' ċiras protetti mid-denominazzjoni ta' orġini protetta huma tat-tipi li ġejjin:

— iċ-ċiras Bigarreau ("Picotas"): il-varjetajiet "Ambrunés", "Pico Negro", "Pico Colorado" u "Pico Limón Negro". Porzjon mill-produzzjoni jappartjeni għall-grupp ta' varjetajiet taċ-ċirasa bigarreau; dawn huma ċiras li d-differenza bażika tagħhom hija li jisseparaw b'mod naturali miz-zokk meta jinqatgħu.

— Iċ-ċiras biz-zokk: "Navalinda", "Van", "Lapins" u "Burlat".

Dan il-frott huwa kkaratterizzat minn lewn ħamrani, biċ-ċiras li jkun fil-biċċa l-kbira aħmar lewn l-inbid jew vjola. Il-laħam tagħhom, li huwa sod u jqarmeċ, ivarja minn aħmar għal safrani jew lewn il-krema, skont il-varjetà, u l-meraq tiegħu minn aħmar għal ebda kulur. Il-frott jista' jkollu forma ta' kilwa, jew ta' għamla ċatta, tonda jew tawwalija. L-għadma tiegħu tista' tkun żgħira sa kbira jew kbira ħafna, u tkun ta' forma tonda jew tawwalija, skont il-varjetà.

It-tabella li ġejja tiġbor fil-qosor ir-rekwiżiti ewlenin fir-rigward tal-kontenut ta' zokkor (imkejjel fi gradi Brix), l-għamla, id-daqs minimu, u l-pH.

| VARJETÀ | Kontenut ta' zokkor (imkejjel f'Bx) | | | Għamla | Daqs minimu | pH | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Minimu | Massimu | Medju | | | Minimu | Massimu | Medju |
| Navalinda | 12 | 21,60 | 14 | Ċatta | 21 mm | 3,80 | 4,70 | 4,25 |
| Ambrunés | 14 | 25,80 | 20 | Ċatta | 21 mm | 3,65 | 4,85 | 4,25 |
| Pico Colorado | 13,90 | 26,40 | 21 | Tawwalija | 21 mm | 3,80 | 4,70 | 4,25 |
| Pico Negro | 11,80 | 25,60 | 19 | Tawwalija | 21 mm | 3,80 | 4,90 | 4,35 |
| Pico Limón Negro | 15,40 | 26,80 | 20 | Tawwalija | 21 mm | 3,80 | 4,70 | 4,25 |
| Van | 19,33 | 21,50 | 20,42 | Forma ta' kilwa | 21 mm | 3,68 | 4,05 | 3,86 |
| Lapins | 17,27 | 18,23 | 17,75 | Ċatta | 21 mm | 3,67 | 4,35 | 4,01 |
| Burlat | 13,73 | 17,20 | 15,47 | Ċatta | 21 mm | 3,83 | 4,05 | 3,94 |

Iċ-ċiras protett bid-DOP "Cereza del Jerte" se jkun jaqa' fil-kategorija "Extra" biss, kif definit fl-istandard tal-kummerċjalizzazzjoni għaċ-ċiras adottat fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 214/2004 ([2]).

3.3. *Għalf (għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali biss) u materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)*

Il-prodott jitkabbar fiż-żona definita.

3.4. *Passi speċifiċi fil-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika definita*

L-istadji kollha tal-produzzjoni jridu jseħħu fiż-żona ġeografika definita: it-tħawwil u l-kultivazzjoni, li fil-biċċa l-kbira jsiru f'azjendi żgħar imtarrġa b'xaqlibiet wieqfa li fuqhom huwa diffiċli li jintużaw il-magni, ix-xogħol tal-għelieqi (il-ħart, l-iffertilizzar u ż-żbir) u l-ħsad bl-idejn.

3.5. *Regoli speċifiċi dwar l-imballaġġ, it-tfettit, it-taħkik, eċċ. tal-prodott agrikolu li għalih jirreferi l-isem reġistrat*

L-imballaġġ u t-tħejjija għall-bejgħ iridu jiżguraw li l-prodott ikun protett għalkollox. Il-materjal tal-imballaġġ irid jintgħażel bir-reqqa sabiex jiġi evitat kwalunkwe deterjorament tal-prodott. Il-kontenut ta' kull pakkett irid ikun uniformi fir-rigward tal-oriġini, il-varjetà, il-kwalità u d-daqs tiegħu u l-parti viżibbli trid tkun rappreżentattiva tal-kontenut.

Iċ-ċiras protett mid-DOP "Cereza del Jerte" irid jiġi mballat fiż-żona ġeografika definita. Dan huwa meqjus meħtieġ biex titħares il-kwalità u jiġu żgurati t-traċċabbiltà u l-kontroll matul il-proċess kollu taċ-ċertifikazzjoni.

([2]) ĠU L 36, 7.2.2004, p. 6.

3.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar tal-prodott agrikolu li għalih jirreferi l-isem reġistrat*

L-isem tad-denominazzjoni ta' oriġini protetta jrid jintwera b'mod prominenti fuq l-imballaġġ, kif ukoll il-marki proprjetarji u l-informazzjoni ġeneralment meħtieġa mil-leġiżlazzjoni applikabbli.

Il-Bord Regolatorju għandu żewġ verżjonijiet tal-logo. Dawn jintużaw kif deskritt hawn taħt:

il-logo "Cereza del Jerte". Dan il-logo, muri hawn taħt, jista' jintuża kemm għaċ-ċiras biz-zokk kif ukoll għaċ-ċiras bigarreau:




il-logo "Picota del Jerte". Dan il-logo, muri hawn taħt, jista' jintuża biss għall-varjetajiet taċ-ċiras bigarreau, biex il-konsumaturi ma jitfixklux:




L-imballaġġ li jitqiegħed fih iċ-ċiras meta jiġi introdott fis-suq irid ikollu t-tikketta sekondarja nnumerata jew il-kodiċi ta' identifikazzjoni maħruġ mill-Bord Regolatorju.

4. Definizzjoni qasira taż-żona ġeografika

Iż-żona tal-produzzjoni tinsab fid-distretti tat-Tramuntana tal-Provinċja ta' Cáceres. Din iż-żona tikkonsisti fit-territorju tal-muniċipalitajiet li ġejjin, miġbura skont id-distrett:

— ID-DISTRETT TAL-VALLE DEL JERTE: Barrado, Cabezuela del Valle, Cabrero, Casas del Castañar, El Torno, Jerte, Navaconcejo, Piornal, Rebollar, Tornavacas u Valdastillas.

— ID-DISTRETT TA' LA VERA: Aldeanueva de la Vera, Arroyomolinos de la Vera, Cuacos de Yuste, Garganta la Olla, Gargüera, Guijo de Santa Bárbara, Jaraíz de la Vera, Pasarón de la Vera u Torremenga.

— ID-DISTRETT TA' EL AMBROZ: Cabezabellosa, Casas del Monte, Gargantilla, Hervás, Jarilla u Segura de Toro.

Ir-rabta qawwija bejn il-kwalità, il-fatt li l-azjendi jinsabu fil-muntanji u t-tip ta' produzzjoni tfisser li l-artijiet u l-azjendi li ġejjin ma jinsabux fiż-żona tal-biedja muntanjuża huma esklużi miż-żona ġeografika definita:

— azjendi agrikoli fid-distrett ta' La Vera li huma inqas minn 500 m 'il fuq mil-livell tal-baħar,

— azjendi agrikoli fid-distrett tal-Valle del Ambroz li huma inqas minn 600 m 'il fuq mil-livell tal-baħar.

Il-prodott huwa ppakkjat u mħejji għas-suq fiż-żona tal-produzzjoni.

5. Rabta maż-żona ġeografika

5.1. *Speċifiċità taż-żona ġeografika*

Rabta storika

L-isem "Jerte" jew "Valle del Jerte" huwa marbut mill-qrib maċ-ċiras, b'għadd kbir ta' konsumaturi fi Spanja li kważi awtomatikament jassoċjaw il-post maċ-ċiras bħala prodott, jew viċi versa. Għaldaqstant, din iż-żona hija magħrufa sew għall-eċċellenza taċ-ċiras tagħha u b'mod partikolari tal-"Picotas" (ċiras bigarreau).

Jingħad li s-siġra taċ-ċiras ġiet introdotta fir-reġjun mill-Għarab u li, wara r-Rikonkwista, l-abitanti tal-insedjamenti l-ġodda sabu li kienet adattatata ħafna għall-art. Madankollu, ma hemm l-ebda provi ċerti tal-eżistenza tagħha minn qabel is-seklu 14.

Fit-2 ta' Ġunju 1352, grupp ta' emissarji tar-re waqaf għal-lejl f'raħal minnhom f'dan ir-reġjun. Hemmhekk, il-kavallieri kielu t-troti u ċ-ċiras, li juri li dak iż-żmien iċ-ċiras kien diġà jitqies bħala prodott partikolari ta' kwalità suffiċjenti biex jiġi offrut lil vjaġġaturi daqshekk distinti.

Matul is-sekli ta' wara, it-tkabbir taċ-ċiras baqa' għaddej u rnexxa b'suċċess. Fis-seklu 16, it-tabib famuż Spanjol Luis de Toro irrefera għaċ-ċiras tal-Jerte u rrimarka d-daqs, il-lewn u t-togħma tiegħu.

Kien fis-seklu 18, meta s-siġar tal-qastan inqerdu mill-marda tal-linka sewda, li ċ-ċiras beda jsir alternattiva ekonomika reali. Fi tmiem dak is-seklu u tul is-seklu 19, l-imsaġar taċ-ċiras infirxu fil-Valle de Jerte u fiż-żewġ widien ġirien tiegħu.

Fil-bidu tas-seklu 19, il-kittieba diġà kienu qed isostnu li l-aqwa ħaġa li hemm f'dan ir-reġjun "… hija ċ-ċiras tiegħu li, kif xieraq, huwa apprezzat ferm fil-Palazz tar-Re …". Matul dak is-seklu, is-siġar taċ-ċiras komplew jinfirxu fl-irħula kollha, hekk li, fil-bidu tas-seklu 20, dan ir-reġjun kien magħruf sew għaċ-"ċiras delizzjuż tiegħu".

Rabta naturali

Għadd kbir ta' varjetajiet tradizzjonalment jitkabbru fil-Valle del Jerte, xi wħud tradizzjonali u indiġeni u oħrajn mhux indiġeni.

L-erba' varjetajiet taċ-ċirasa bigarreau u l-varjetà "Navalinda" huma indiġeni, u ġejjin jew mill-Valle del Jerte jew mill-widien ġirien tal-Ambroz u La Vera. Dawn il-varjetajiet jitkabbru kważi esklużivament f'dan ir-reġjun, peress li t-tentattivi biex jiġu introdotti f'postijiet oħra sa issa ftit li xejn irnexxew.

Diversi awturi jiddikjaraw li l-preżenza ta' varjetajiet taċ-ċiras mingħajr zokk fil-Valle del Jerte hija r-riżultat ta' proċess twil ta' akklimatizzazzjoni u ta' għażla semi-indotta minn stokkijiet differenti tal-ispeċi *Prunus avium* L., li hija speċi indiġena għall-foresti li ilha tikber f'dawn il-widien muntanjużi minn żmien il-qedem.

Flimkien mat-titjib u l-għażla klonali mwettqa mill-abitanti tal-Jerte, il-fatturi ambjentali bħall-umdità għolja (anke fis-sajf), iż-żiffiet fil-wied, l-orjentazzjoni, il-medja annwali ta' xemx, l-altitudni, il-mikroklima u l-aċidità tal-ħamrija fih, għamlu l-bqija.

Il-varjetajiet "Burlat" u "Van" ġew introdotti fil-Valle del Jerte fis-snin 60, filwaqt li l-varjetà "Lapins" ġiet introdotta fis-snin 80. Riċerka reċenti wriet li l-frott prodott minn varjetajiet mhux indiġeni mkabbra fil-Valle del Jerte, speċifikament il-varjetà "Lapins", għandu karatteristiċi kemm organolettiċi kif ukoll bijoattivi li jiddistingwuh minn frott tal-istess varjetà prodott minn siġar taċ-ċiras li jinsabu f'żoni tal-produzzjoni fi bnadi oħra fi Spanja.

L-istruttura tal-proprjetajiet u l-kundizzjonijiet li jirriżultaw mit-topografija diffiċli jiffurmaw pajsaġġ ta' għelieqi mtarrġa żgħar, u xi drabi żgħar ħafna, mirfuda b'ħitan tal-ġebel, li jrid jinħadem fil-parti l-kbira tiegħu bl-idejn u mhux bil-magni.

Il-bdiewa fil-Valle del Jerte żviluppaw ħiliet tradizzjonali u għarfien espert tekniku speċifiku sabiex ikabbru ċ-ċiras bl-idejn. L-attenzjoni individwali impenjattiva li jirċievu żżid il-valur taċ-ċiras, li jiġi kkultivat u maħsud b'dedikazzjoni u kura kbira.

Għalhekk, il-karatteristiċi tal-prodott huma ddeterminati mill-użu ta' pjanti speċifiċi, li huma adattati u akklimatizzati għall-kundizzjonijiet ambjentali tipiċi tal-baċir tal-Jerte u tal-widien ġirien tiegħu, iżda wkoll mill-karatteristiċi speċjali ta' sistema tal-produzzjoni li torbot it-tkabbir taċ-ċiras ma' tradizzjonijiet tal-biedja bbażati fuq azjendi agrikoli żgħar u l-organizzazzjoni tax-xogħol fil-familja. L-irziezet, li ġeneralment jinsabu fuq irqajja' art imtarrġa fuq il-ġnub ta' għoljiet weqfin fejn l-użu tal-magni huwa diffiċli, jippermettu l-bilanċ bejn ir-rendimenti baxxi miksuba u kwalità għolja.

5.2. *Speċifiċità tal-prodott*

Id-denominazzjoni ta' oriġini protetta "Cereza del Jerte" tapplika esklużivament għaċ-ċiras tal-mejda, li jittiekel frisk, tal-varjetajiet tal-ispeċi *Prunus avium* L. li ġejjin: "Navalinda", "Ambrunés", "Pico Limón Negro", "Pico Negro", "Pico Colorado", "Burlat", "Van" u "Lapins".

Il-frott huwa ta' lewn ħamrani fuq barra, b'intensità li tvarja skont il-varjetà. Iċ-ċiras huwa fil-biċċa l-kbira aħmar lewn l-inbid jew vjola minħabba l-preponderanza ta' ċiras "bigarreau" fil-ħsad lokali, u b'mod partikolari tal-varjetà "Ambrunés" ("ir-reġina taċ-ċiras").

Id-differenza bażika taċ-ċiras "bigarreau" hija li dawn jisseparaw b'mod naturali minn maz-zokk meta jinqatgħu, mingħajr ma tonqos il-kwalità tagħhom, isiru inqas reżistenti għat-trattament jew tonqos il-ħajja tagħhom fuq l-ixkaffa. Il-varjetajiet taċ-ċiras li ġejjin jappartjenu għal dan il-grupp: "Ambrunés", "Pico Negro", "Pico Limón Negro" u "Pico Colorado".

Il-frott jista' jkollu għamla ta' kilwa, jew ikun ċatt, tond jew tawwali.

Il-laħam huwa iebes u sod u lewnu jvarja minn aħmar għal safrani jew lewn il-krema, skont il-varjetà, u l-meraq tiegħu jvarja minn aħmar għal mingħajr kulur. Il-kulur tal-laħam u tal-meraq ikun ġeneralment stabbli, b'mod partikolari dak tal-meraq.

L-għadma hija waħda mill-karatteristiċi l-aktar stabbli taċ-ċiras, b'daqs li jvarja minn żgħir ("Van") għal kbir ("Navalinda" u "Ambrunés"), filwaqt li l-għamla hija tonda ("Ambrunés" u "Van"), intermedja ("Pico Colorado", "Burlat" u "Lapins") jew tawwalija ("Pico Limón Negro").

Il-proporzjon bejn l-għadma u l-frotta jvarja minn medju ("Pico Colorado", "Burlat", u "Lapins") għal kbir u kbir ħafna ("Pico Limón Negro", "Navalinda", "Ambrunés" u "Van").

Iz-zokk ivarja ferm fit-tul u fil-ħxuna tiegħu:

— tul: qasir ("Van", "Lapins" u "Burlat"), medju ("Ambrunés" u "Navalinda") u twil ("Pico Negro" u "Pico Colorado").

— ħxuna: fin ("Pico Negro" u "Pico Colorado"), medju ("Ambrunés", "Navalinda", "Burlat" u "Lapins") u oħxon ("Van").

Fir-rigward tal-karatteristiċi organolettiċi, il-kontenut medju ta' zokkor huwa ogħla mill-kontenut tas-soltu, b'indiċi rifrattiv li, meta l-frotta tkun saret l-iktar, ivarja minn 12 g sa 24 g għal kull 100 g ta' piż tal-frott frisk, skont il-varjetà.

Iċ-ċiras protett mid-DOP "Cereza del Jerte" jaqa' fil-kategorija "Extra" biss, kif definit fl-istandard tal-kummerċjalizzazzjoni għaċ-ċiras approvat bir-Regolament (KE) Nru 214/2004.

5.3. *Rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għad-DOP), jew kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew karatteristika oħra tal-prodott (għall-IĠP)*

Il-varjetajiet "Navalinda", "Ambrunés", "Pico Limón Negro", "Pico Negro" u "Pico Colorado" huma virtwalment esklużivi għal dan ir-reġjun, billi t-tentattivi biex jiġu introdotti f'postijiet oħra sa issa ftit li xejn irnexxew, minħabba li dawn ma jiffjorixxux meta ma jkollhomx il-kundizzjonijiet tal-ħamrija, l-altitudni, is-sigħat ta' xemx, l-umdità u r-reġim tar-riħ xierqa.

Il-preżenza tal-varjetajiet ta' ċiras mingħajr zokk fil-Jerte hija r-riżultat ta' proċess twil ta' akklimatizzazzjoni u ta' għażla semiindotta mill-*Prunus avium* L., speċi indiġena għall-foresti li ilha tikber f'dawn il-widien muntanjużi minn żmien il-qedem.

Il-varjetajiet mhux indiġeni ġew introdotti fis-snin 60 permezz ta' diversi programmi ta' titjib, li saru adattati bis-sħiħ bħala riżultat tal-kundizzjonijiet pedoklimatiċi uniċi tal-Valle del Jerte u l-għarfien tradizzjonali tal-produtturi taż-żona.

Flimkien mat-titjib u l-għażla klonali mwettqa mill-abitanti tal-Jerte, il-fatturi ambjentali li jippromwovu l-adattament ta' dawk il-varjetajiet għandhom għalhekk jissemmew ukoll, bħal:

— l-umdità għolja, anke fix-xhur tas-sajf,

— iż-żiffiet fil-wied, l-orjentazzjoni tiegħu, il-medja annwali ta' dawl tax-xemx, l-altitudni, il-mikroklima u l-aċidità b'saħħitha tal-ħamrija, li jikkompletaw l-istampa,

— l-orografija: l-għalla titkabbar fil-qiegħ tat-tliet widien sa altitudnijiet ta' aktar minn 1 200 m. L-art li tinsab bejn 600 m u 1 200 m hija l-aktar adattata għat-tkabbir tal-varjetajiet bigarreau, li flimkien mal-varjetajiet l-oħra li jitkabbru, jżommu s-sajran matul perjodu li jibda mill-aħħar ta' April sal-bidu ta' Awwissu,

— il-ħamrija ta' din iż-żona għandha t-tendenza li jkollha tiswira mhux kompatta u ħarxa, u ġeneralment ta' trab ġulġlieni ramli. Ġeneralment, l-ilma jiskula tajjeb 'il barra minnha. Il-ħamrija dejjem tkun aċiduża, minħabba l-materjal li toriġina minnu, u normalment ikollha pH ta' bejn 5 u 5,5. Dawn il-karatteristiċi ġenerali tal-ħamrija huma ideali għat-tkabbir tas-salvaġġ ewlieni (l-ispeċi *Prunus avium* jew iċ-ċirasa salvaġġa) u għat-tkabbir tal-varjetajiet lokali taċ-ċiras,

— il-klima: il-karatteristiċi tat-tliet widien inklużi fiż-żona ġeografika definita huma riżultat tal-fatt li huma dojoq u fondi, l-orjentazzjoni tagħhom u l-ftuħ tagħhom lejn in-Nofsinhar. Il-varjazzjonijiet fl-altitudni u t-terren frammentat joħolqu distribuzzjoni irregolari ta' dawl tax-xemx u differenzi fit-temperatura bejn il-qċaċet u l-qigħan alluvjali tal-widien, u dawn id-differenzi fit-temperatura xi drabi jkunu estremi. Dawn id-differenzi klimatiċi joħolqu differenzi fit-tul tal-istaġun tat-tkabbir u fil-perjodi tal-fjoritura/tas-sajran, li, kif iddikjarat qabel, huma mifruxa maż-żmien, li jwassal għal differenzi sinifikanti ħafna fid-dati tal-ħsad. Ċiras tal-istess varjetà jistgħu jsiru f'intervalli ta' aktar minn 40 jum.

Fir-rigward tal-umdità, il-valuri ta' kull xahar u ta' kull sena u d-distribuzzjoni tax-xita juru li ż-żona għandha klima Mediterranja umda b'perjodu tas-sajf qasir u niexef sinifikanti li jirriżulta mill-iskarsezza tax-xita fix-xhur sħan ta' Lulju u Awwissu, li fihom prattikament ma tagħmilx xita.

Minkejja li t-temperatura medja annwali turi li l-klima f'din iż-żona hija ġeneralment waħda sħuna, it-temperaturi jvarjaw ħafna minn staġun għall-ieħor. Din il-firxa ta' temperaturi rreġistrati hija prova ta' klima ħarxa.

Bħala konklużjoni, il-karatteristiċi orografiċi, pedoklimatiċi u idriċi speċifiċi kollha taż-żona deskritti hawn fuq huma essenzjali għall-produzzjoni ta' prodott daqstant esklużiv u awtentiku bħalma huwa s-"Cereza del Jerte". Li kieku wieħed minn dawn il-fatturi kellu jieqaf jeżisti, ikun impossibbli li jinkiseb dan il-prodott.

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni**

https://www.juntaex.es/documents/77055/621148/Pliego+DOP+Cereza+del+Jerte_consolidado+200924.pdf